MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2010

Numru 1064/2008

Il-Pulizija
(Spettur Angelo Gafa')

vs

Mario Gatt

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 137362M, akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fil-31 ta' Lulju 2008 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispossjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta' industrija, jew xjentement ghamel uzu

ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid;
2. fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, id-disinji jew mudelli ta' manifattura, jew xjentement ghamel uzu ta' dawn id-disinji jew mudelli ffalsifikati jew imbiddla, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid;
3. fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li kien fihom indikazzjoni li setghet tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema;
4. fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement qeghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b'qerq;
5. fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, bil-ghan li jiehu vantagg ghalih innifsu jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li jikkaguna telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-propretarju, biegh jew kera, offra jew espona ghall-bejgh jew kiri jew qassam oggetti li kellhom fuhom jew li l-ippakkettjar taghhom kellu fuqu sinjal identiku ghal jew li x'aktarx jithawwas ma' trademark registrata;
6. b'hekk kiser il-provvedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta meta kkommetta reat iehor wara li nghata sentenza fejn gie illiberat taht kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien sena, liema sentenza giet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-24 ta' April 2008.

Il-Qorti hija mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti. Il-Qorti hija mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjes li kellhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi, fl-liema ammissjoni baqa’ jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-imputazzjonijiet jikkoncernaw il-qerq fil-kummerc u l-industrija taht varji sub-incizi tal-Artikolu 298 tal-Kap 9;

Ghall-istess imputazzjoni l-imputat irregistra ammissjoni li hi volontarja u inkondizjonata;

Fuq tali ammissjoni ssibu hati;

Rat l-Artikolu 298(1)(a)(b)(c)(f) u 17 tal-Kap 9, l-Artikolu 72(1)(b) tal-Kap 416, l-Artikolu 23(b) tal-Kap 446.

Tiddeciedi li timmultah €1000 multa. Takkorda li l-multa tithallas b’rati ta’ €100 fix-xahar l-ewwel pagament sa l-ahhar tax-xahar ta’ Lulju 2010 u b’pagamenti konsekuttivi kull l-ahhar tax-xahar sussegwenti bid-dekadenz taz-zmien fin-nuqqas anka ta’ pgament wiehed. Altrimenti kull bilanc dovut konvertibbli f’prigunerija ekwivalenti ghal €11.64 kull jum. Tordna l-konfiska u d-distruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------